**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 115, 3 ta' Frar 2014**

Is-Sedja tirreferi għal email mibgħuta miċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor Jason Azzopardi, fil-31 ta' Jannar 2014 li taqra hekk:

> "Sur President
>
> Inġib għall-attenzjoni formali tas-Sinjorija tiegħek l-annessa ittra li waslet għandi bħala Chairman għad-interim tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, fis-16 ta' Jannar 2014, mill-konsulent legali tas-Sur Tancred Tabone. In suċċint f'tali ittra, il-konsulent legali tas-Sur Tabone, li huwa xhud indikat mill-Membri tal-Gvern għal quddiem il-PAC, tissottometti li filwaqt li tagħmel referenza għal ruling mogħti mis-Sedja fl-10 ta' Diċembru 2013, ġaladarba l-patroċinat tagħha għaddej proċeduri kriminali fil-Qrati tagħna, dan iwassal biex hu jeżerċita d-dritt tas-silenzju quddiem il-Kumitat Parlamentari.
>
> Jiena ġibt l-annessa ittra għall-attenzjoni u kummenti tal-Membri kollha tal-Kumitat imsemmi siegħa wara li jiena rċevejta u tlabthom, kif qed tara hawn isfel, jindikaw jekk għandhom xi punti partikolari x'jissollevaw qabel ma jien nirreferi għal gwida mingħand is-Sedja il-materja kif jien obbligat nagħmel.
>
> Ninformak li sal-lum, mis-16 ta' Jannar 2014, jien ma rċevejt xejn u għalhekk inħoss li issa ż-żmien immatura biex nitlob gwida mingħand is-Sedja dwar kif għandu jimxi l-Kumitat.
>
> Fil-fehma tiegħi il-fatt li persuna għaddejja proċedura kriminali ma jagħtuhiex kopertura biex ma tixhedx dwar fatti li evidentement mhux inkriminanti għandha iva d-dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha iżda lanqas ifisser li ma jistgħux isirulha domandi u ma tweġibx fuq ħwejjeġ li evidentement ma jwasslu għal ebda inkriminazzjoni. B'dan l-argument, imġebbed għall-konklużjoni loġika tiegħu, ebda akkużat ma jista' jixhed quddiem ebda Qorti, jew Kumitat Parlamentari bħalma huwa l-każ li għandna u nkunu qed nistultifikaw is-sewwa. Anke minn qari tal-artiklu 643 tal-Kodiċi Kriminali u mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Martin Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija tal-14 ta' Dicembru 1988 (applikabbli għal każ tagħna mutatis mutandis) u minn diversi eċċezzjonijiet preliminari f'sentenzi tal-Qorti

Kriminali (ġuri) joħroġ ċar, anke għaliex hu minn ewl id-dinja, li filwaqt li d-dritt li persuna ma tinkriminax ruħha b'xhieda għandu jkun osservat skrupolożament u dejjem, lanqas ifisser li ma tersaqx biex twieġeb għal domandi li jkunu inokwi jew ċertament mhux inkriminanti.

Għalhekk inħoss li għandi nitolbok formalment gwida dwar kif il-Kumitat tal-Kontijeit Pubbliċi għandu jimxi fil-każ tax-xhud indikat min naħa tal-membri tal-Gvern s-Sur Tancred Tabone.

Tislijiet

Jason Azzopardi"

Is-Sedja se tagħmel referenza wkoll għal żewġ ittri legali li ntbagħtu mill-konsulent legali tax-xhud imsejjaħ min-naħa tal-Gvern is-Sur Tancred Tabone, datati s-6 ta' Diċembru 2013, iffirmata mill-Avukata Giannella De Marco, u 15 ta' Jannar 2014 iffirmata mill-Avukata De Marco u l-Avukat Henri Mizzi. L-ittra tas-6 ta' Diċembru taqra hekk:

"Sur Chairman,

Qiegħda niktiblek għan-nom tal-klijent tiegħi Tancred Tabone u nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tal-5 ta' Diċembru 2013 mibgħuta lilu fejn ġie mitlub sabiex jagħti x-xhieda tiegħu dwar ir-rapport tal-Awditur Ġenerali intitolat "An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement" nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013 fis-6.30 pm.

Nixtieq ninfurmak li s-Sur Tabone għaddej proċeduri penali in konnessjoni mal-Enemalta Corporation Fuel Procurement u għalhekk jinformak li fiċ-ċirkostanzi ma għandux jiġi mitlub jixhed f'dan l-istadju. Illi inoltre jiena ser inkun imsiefra f'dik id-data u għalhekk ma jkunx jista' jattendi flimkien mal-avukat tax-xelta tiegħu kif inhu intitolat li jagħmel.

Nistenna konferma mingħandek li l-kumitat tiegħek mhux qed jinsisti li l-klijent tiegħi jixhed waqt li għandu proċeduri għaddejjin kontra tiegħu.

Għoddni dejjem tiegħek

Iffirmata: Giannella de Marco LLD"

L-ittra l-oħra tal-15 ta' Jannar taqra hekk:

"Sur Chairman,

Nagħmlu referenza għad-diskussjonijiet preliminari li saru bejn il-Kumitat u r-rappreżentant legali tas-Sur Tancred Tabone waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2013.

F'dik is-seduta r-rappreżentant legali msemmi ġie mistieden jieħu konjizzjoni tar-ruling mogħti mill-Ispeaker tal-Kamra fl-10 ta' Diċembru 2013. Din l-ittra qiegħda tintbagħat proprju għaliex ir-rappreżentanti legali tas-Sur Tabone ħadu konjizzjoni ta' dan ir-ruling u qed jiġi rilevat bl-akbar rispett li dan ir-ruling ma japplikax għas-Sur Tabone. Jirriżulta ġia mill-premessa ta' dan ir-ruling illi dana japplika esklussivament fil-konfront tax-xhud George Mario Farrugia fuq kweżit magħmul mill-Kumitat "dwar jekk u safejn il-proklama mogħtija lilu tkoprih jew le għat-testimonjanza quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi".

Il-pożizzjoni tal-imsemmi Farrugia hi li hu qed jibbenefika minn proklama kondizzjonata, u ma ġewx meħuda ebda proċeduri kriminali kontrih in visto ta' tali proklama. Dan ifisser li Farrugia hu legalment kopert għal kwalsiasi domanda li tista' ssirlu, inkriminanti jew le.

Il-pożizzjoni tal-patroċinat tagħna hija toto caelo differenti. Is-Sur Tancred Tabone ġie akkużat b'reati potenzjalment konnessi mal-investigazzjoni li qed issir minn dan il-kumitat, u wieġeb li mhux ħati ta' dawn l-akkużi. Il-patroċinat tagħna għandu drittijiet rikonoxxuti mill-Kostituzzjoni tagħna, u mill-Konvenzjoni Ewropea li saret parti integrali mill-liġi tagħna permezz tal-Att XIV tal-1987, drittijiet kemm li ma jinkriminax ruhu, kif ukoll tas-silenzju.

L-Onorabbli Speaker qiegħed attent li jikkwota awtoritajiet li jirreferu għal xhieda u mhux għal persuni soġġetti għal proċedura kriminali. In fatti fl-ebda moment ma ġiet ċitata s-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Saunders vs UK appl numru 19187/91 li tapplika perfettament għall-każ tal-patroċinat tagħna.

Għalhekk, inkwanti r-ruling imsemmi mill-Kumitat japplika għal George Mario Farrugia u għaċ-ċirkostanzi partikolarissimi tiegħu qegħdin

ġentilment nikkonfermaw li l-patroċinat tagħna ser jeżerċita d-dritt tas-silenzju tiegħu, u dan mhu bl-ebda mod in vjolazzjoni tar-ruling tal-Ispeaker.

Iffirmati: Av Giannella de Marco          Av Henri Mizzi"

Is-Sedja ħadet nota wkoll ta' dak li ġie diskuss fil-laqgħa nru 28 tal-10 ta' Diċembru 2013 fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi skont ma hu indikat fit-traskrizzjoni ta' din l-istess laqgħa u se tikkwota minn dak li qal l-Avukat Henri Mizzi għan-nom tax-xhud Tancred Tabone kif ukoll liċ-Chairperson u lill-Membri li ħadu sehem fid-dibattitu:

"**DOTT. HENRI MIZZI (Assistent legali tas-Sur Tancred Tabone):** Mr Chairman, il-klijent tiegħi bħalissa għaddej minn proċeduri kriminali li jirrigwardjaw is-suġġett ta' din l-inkjesta, jew xi ssejħulha, u allura ma jixtieqx jirrispondi mistoqsijiet.

**THE CHAIRMAN:** Kif taf inti, għax huwa *public knowledge*, ilbieraħ ingħata *ruling* mill-Ispeaker li aħna rridu nimxu miegħu u nimplimentawh, fejn intqal li xhud, hu min hu x-xhud, ikollu d-dritt li ma jweġibx għal domandi li b'xi mod jistgħu jinkriminawh, però l-fatt li hemm proċeduri pendenti fil-qorti, minnu nnifsu mhux raġuni għaliex persuna ma tersaqx quddiem dan il-Kumitat u twieġeb għad-domandi li hemm bżonn jiġu mwieġba. Ilbieraħ ingħata *ruling* ċar u dettaljat f'dan is-sens li ma naħsibx li għandi x'inżid miegħu; irridu nimplimentawh u nosservawh. Dott. Mizzi infakkrek biss li t-tweġibiet iridu jingħataw mill-klijent tiegħek, is-Sur Tabone, u mhux minnek. Ovvjament hu għandu dritt li jitkellem miegħek fejn iħoss il-bżonn però d-domandi jridu jkunu mwieġba mis-Sur Tabone għax huwa l-persuna li ngħata ġurament u huwa x-xhud.

**DOTT. HENRI MIZZI:** Naturalment m'iniex se nirrispondi l-mistoqsijiet jien.

**THE CHAIRMAN:** Imma kif ngħidu, għal kull bon fini.

**DOTT. HENRI MIZZI:** Biex inkunu ċari, jien se nagħti parir lill-klijent tiegħi li ma jirrispondix fuq kull mistoqsija.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI (Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja):** Mr Chairman, fuq dan il-punt irridu nkunu daqsxejn ċari għax ilbieraħ kien hemm *ruling* ta' Mr Speaker li effettivament ma jfissirx dak li qed tgħid inti, jiġifieri jekk hemm domandi li ma jinkriminawx lix-xhud, irid iweġibhom. Jiġifieri jekk jien se nistaqsih fejn twieled, biex nagħti eżempju li jifhimni kulħadd, dik mhijiex domanda li tinkriminah u allura jrid iweġibha. F'każ li jkun hemm domanda li xorta jħoss li tinkriminah u xi ħadd minna jinsisti fuqha, imbagħad Mr Speaker jagħti *ruling* dwar jekk iweġibhiex jew le. Jekk int, Sur Avukat, għandek bżonn żmien biex tirregola ruħek għar-*ruling* tal-Ispeaker, aħna ma nsibux diffikultà, nagħtuhulek, jekk hemm bżonn is-Sur Tabone jitla' jixhed ġurnata oħra biex nagħtuh id-drittijiet kollha tiegħu, però nagħtik parir li tieħu konjizzjoni sewwa tar-*ruling* ta' Mr Speaker għax ir-*ruling* ta' Mr Speaker ma jgħidx li jista' jagħti *a blanket answer* "ma rridx inwieġeb" imma li jgħid huwa li jista' jagħżel li ma jixhidx fuq id-domandi li jinkriminawh imma aħna mbagħad għandna dritt li fejn naħsbu li dawk huma domandi li ma jinkriminawhx, nitolbu *ruling* kull darba fuq kull domanda, imbagħad hemmhekk taf, Sur Avukat, x'inhuma l-konsegwenzi.

**DOTT. HENRI MIZZI:** Aħna konxji mir-*ruling* ta' Mr Speaker u nirrispettaw dak ir-*ruling* però l-pożizzjoni tagħna hija li, l-*Istanding Orders* interpretati fid-dawl anke tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea jmorru lil hinn mill-kwestjoni ta' inkriminazzjoni jew le. Jekk wieħed iħares lejn il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa, wieħed isib li l-kunċett tal-inkriminazzjoni huwa usa min dak kif qed iqiegħdu Mr Speaker u allura jekk se ssir domanda bħal kif għedtli inti, fejn twieled, tista' tingħata risposta għaliha, però mistoqsijiet oħra li anke *prima facie* jistgħu ma jkunux inkriminanti, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea m'hemmx obbligu li tingħata risposta għaliha. Jekk tixtiequ, nista' nagħmel is-sottomissjonijiet dwarha din. Jiġifieri dik se tkun il-pożizzjoni.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Jekk qed nifhem sew l-argument tas-Sur Avukat huwa li l-imbekkata hija li r-*ruling* ta' Mr Speaker imur kontra l-ispirtu ta' xi dritt fundamentali sanċit bil-Kostituzzjoni.

**DOTT. HENRI MIZZI:** Tista' tqegħedha b'dak il-mod jekk trid.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Jien naħseb li din hija sottomissjoni importanti u serja. Jekk hemm bżonn li s-Sur Avukat jagħmel sottomissjoni bil-miktub, jagħmilha, però tmur kontra l-ispirtu ta' dak li qed jgħid Mr Speaker. Mr Speaker kien ċar, għamel ruling *studjat* ħafna fejn ta l-fehma tiegħu dwar kif għandna nikkomportaw irwieħna. Mr Chairman, jekk hemm bżonn li f'dan il-punt nagħtuh l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, dak huwa dritt u aħna se nirrispettaw dak id-dritt, m'aħniex se mmorru lanqas virgola kontra dak id-dritt, imma jekk hemm konflitt ma' dak li qal Mr Speaker ilbieraħ, imbagħad irridu nieħdu d-deċiżjonijiet tagħna hawnhekk.

**THE CHAIRMAN:** Irridu nifhmu lkoll li aħna marbutin ma' dak li qal l-Ispeaker ilbieraħ, *period*. Lanqas għandi dritt inżid *virgola* miegħu, indipendentement xi tkun il-fehma tiegħi personali. Dak ir-*ruling* jorbot lili u jorbot lil kull Membru. Tant hu hekk li *qualsiasi* Membru tal-Kumitat seta' jitlob dak ir-*ruling*, lanqas kelli għalfejn inkun jien li nitolbu. Issa r-*ruling* ingħata u qed jipprospetta ċirkostanza fejn ix-xhud ma jweġibx domandi li jsiru minn Membru u jgħid li dak il-Membru għandu dritt jitlob lill-Ispeaker għal provvediment u jaf ikun hemm ċerti konsegwenzi.

Sabiħa kemm hi sabiħa l-argumentazzjoni legali akkademika, ma nistgħux nippermettu li hawnhekk ikun hawn dan l-iskambju. Hawnhekk m'aħniex qegħdin il-qorti fejn nagħmlu sottomissjonijiet legali. Dak, *se mai* isir band'oħra, mhux fil-Public Accounts Committee, anke jekk aħna avukati. Jien obbligat li noqgħod mar-*ruling*, ma nsibx diffikultà li s-Sur Tabone jixhed ġurnata oħra biex hu jkun jista' jirregola ruħu miegħek, Dott. Mizzi, però qed nagħmilha ċara ħafna li dak ir-*ruling* jorbot lili u jorbot lil dan il-Kumitat. Ma nistax inżid u lanqas innaqqas minn dak ir-*ruling*. Issa ara ftit, imma x-xhud irid iwieġeb ħlief għal dawk id-domandi li jistgħu jinkriminawh. Jekk ix-xhud jiġi mistoqsi, kif qal l-

Onor. Bonnici, ċerti domandi bħal pereżempju, f'liema żmien kien *chairman* tal-korporazzjoni, definittivament mhijiex domanda li se tinkriminah. Jiġifieri hemm domandi u hemm domandi, imma dak ir-*ruling* irrid nosservah għax inkun qed nonqos jien jekk ma nosservahx. Issa, ara inti, Dott. Mizzi, jekk tixtieqx li nimxu b'dan il-mod jew inkella tirregola ruħek mal-klijent tiegħek, tingħata ġurnata oħra *and we take it from there* imma dak ir-*ruling* dan il-Kumitat irid josservah.

**DOTT. HENRI MIZZI:** Il-Kumitat naturalment irid jagħmel dak li għandu jagħmel. Jiena li ngħid huwa li jsiru…

**THE CHAIRMAN:** Għandek kopja tar-*ruling* tal-Ispeaker?

**DOTT. HENRI MIZZI:** Le, m'għandix kopja hawnhekk.

**THE CHAIRMAN:** Mela hawnhekk qegħdin ngħaddulek kopja. Jien ma nsibx diffikultà, Dott. Mizzi, li titkellem mal-klijent tiegħek biex tirregola ruħek skont dak ir-*ruling*. M'għandi ebda dubju li inti ta' kapaċità biżżejjed biex dak ir-*ruling* tassimilah u tindirizza l-klijent tiegħek f'dak is-sens. Ara ftit jekk tridx li jkun hemm ġurnata oħra biex jixhed is-Sur Tabone u fil-frattemp aħna nagħmlu xogħol ieħor.

**DOTT. HENRI MIZZI:** Jekk is-Sedja tippermettili li nikkonsulta ftit iżjed mal-klijent tiegħi, napprezza.

**THE CHAIRMAN:** *Fair enough*. Mela tistgħu tirtiraw. Il-Kumitat jinfurmakom b'ġurnata oħra meta tkunu tridu tattendu; ikun irid jattendi s-Sur Tabone għax huwa xhud. *In the meantime* għandek ir-*ruling* u tkun tista' tirregola ruħek *accordingly*."

Iktar tard fil-laqgħa l-Avukat Henri Mizzi qal hekk:

"**DOTT. HENRI MIZZI:** Li kont qed nipprova nagħmel huwa li nipprova nispjega x'inhi l-pożizzjoni u x'se tkun il-pożizzjoni fuq il-mistoqsijiet, ma kontx qed nipprova nikkonvinċikom."

Is-Sedja qed tirrileva li r-ruling mogħti minnha fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2013 kien jirrigwardja l-maħfra presidenzjali tal-10 ta' Frar 2013 mogħtija lix-xhud George Mario Farrugia li kellu jidher quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi f'numru ta' laqgħat li effettivament saru. Il-kwestjoni li nqalgħet hija dwar jekk ix-xhud Tancred Tabone imsejjaħ min-naħa tal-Gvern, fejn b'referenza għall-istess ruling tas-Sedja tal-10 ta' Diċembru 2013 hemm interpretazzjoni dwar jekk kemm-il darba għandux dritt li jeżerċita s-silenzju għal kull domanda li ssirlu fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jew le.

Il-pożizzjoni kif imqiegħda mill-ittri tal-konsulenti legali hija li huwa għandu d-dritt li jeżerċita s-silenzju assolut, anke quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Qabel ma s-Sedja se tittratta l-kwestjoni dwar il-pożizzjoni tax-xhud Tancred Tabone u d-domandi li jsirulu quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, hija tixtieq tirrileva li skont l-Ordni Permanenti 120E dwar dan l-istess Kumitat, hemm indikat b'mod ċar il-poteri li għandu dan il-Kumitat li huma:

> "(a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubblici li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;
>
> (b) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;
>
> (ċ) jeżamina l-kontijiet ta' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;
>
> (d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-Kumitat Permanenti;
>
> (e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta' dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;
>
> (f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;
>
> (g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta' qabel dan il-paragrafu; u

(h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus."

Il-poteri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi huma in linea anke ma' dawk tal-Public Accounts Committee tal-House of Commons. Fil-fatt fl-Erskine May Parliamentary Practice, 24th Edition, paġna 847, insibu indikat hekk:

"The committee is principally concerned with whether policy is carried out efficiently, effectively and economically, rather than with the merits of government policy. Its main functions are to see that public moneys are applied for the purposes prescribed by Parliament, that extravagance and waste are minimized and that sound financial practices are encouraged in estimating and contracting, and in administration generally. The committee has a particular duty to look at excess votes, the questions on which cannot be put under the provisions of Standing Order No 55(3) unless the committee has reported that it sees "no objection to the sums necessary be provided by excess vote".

The committee bases its work on reports by the Comptroller and Auditor General, presented to Parliament under the National Audit Act 1983, s9, together with those on the appropriation and other accounts laid before Parliament. The committee also considers memoranda submitted to it by the Comptroller and Auditor General (either on his own initiative or on response to requests made by the Committee), and Treasury Minutes containing the Government's observation on previous Committee reports. The Comptroller and Auditor General is required to take into account any proposals made by the committee in determining his programme of economy, efficiency and effectiveness examinations. The committee has also reported on the Northern Ireland Accounts with the assistance of the Comptroller and Auditor General (Northern Ireland). The Comptroller and Auditor General attends all meetings and regularly appears ... as a witness. Other witnesses are normally the permanent secretaries of Government departments and other witnesses who (as accounting officers) have a direct and personal responsibility for their departments' expenditure.

> The committee holds most of its meetings in public. ... The chair of the committee has to give his agreement to any motion for an Address to appoint a new Comptroller and Auditor General."

Irid jingħad ukoll li fl-1 ta' Ottubru 2011 kienu ħarġu linji gwida għax-xhieda li jidhru quddiem il-Kumitat dwar il-Kontjiet Pubbliċi. Dan id-dokument li kien diġà indikat fir-ruling li jien tajt fl-10 ta' Diċembru 2013, huwa intitolat "A Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta." Hemmhekk ġie sottolinjat li:

> "... the underlying principle must be that all protection afforded to witnesses under the Criminal Code, Cap 9, the Code of Organisation and Civil Procedure, Cap 12, and the Civil Code, Cap 16, including protection from incrimination, shall be applicable to witnesses appearing before the Public Accounts Committee."

Skont dawn il-linji gwida, meta jkun hemm xhud li, jew hu stess jew permezz tal-konsulent legali tiegħu, joġġezzjona għal xi domanda li tkun saret minn membru tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, huwa jkun obbligat jirrispondi sakemm ma jkunx hemm xi membru tal-Kumitat li jitlob li l-kwestjoni tal-ammissibilità tad-domanda tiġi riferuta lill-Ispeaker biex jagħti deċiżjoni li mbagħad tkun torbot lill-Kumitat. In fatti, artiklu 16 ta' dawn il-linji gwida jgħid hekk:

> "Subject to guideline 19 below, if a Witness, personally, or through his/her legal counsel, objects to a question asked by an individual Committee member, he/she is obliged to reply unless any one Member requests that the issue of admissibility be referred to the Speaker for his/her decision which decision shall bind the Committee.
>
> A witness who, subject to guideline 19 below, refuses to answer questions may be reported to the House."

Artiklu 19 ta' dawn il-linji gwida li jaqa' taħt it-taqsima li titkellem dwar *parliamentary privilege* jgħid hekk:

> "No Witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her."

Dan ifisser li xhud hu mistenni li jixhed quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Din il-pożizzjoni hija differenti mill-pożizzjoni fil-House of

Commons, kif ġà ġie indikat f'*rulings* preċedenti fejn is-Sedja kkwotat mill-Erskine May Parliamentary Practice, 24th Edition, paġna 823. Il-pożizzjoni tal-House of Commons hija differenti minn dik tal-Parlament Malti fis-sens li filwaqt li l-Parlament Malti kien ħareġ linji gwida għal xhieda li jidhru quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi, fil-House of Commons il-pożizzjoni hija hekk:

> "A witness is bound to answer all questions which the committee sees fit to put to him, and cannot excuse himself, for example, on the ground that he may thereby subject himself to a civil action, or because he has taken an oath not to disclose the matter about which he is required to testify, or because the matter was a privileged communication to him, as where a solicitor is called upon to disclose the secrets of his client; or on the ground that he is advised by counsel that he cannot do so without incurring the risk of incriminating himself or exposing himself to a civil suit, or that it would prejudice him as defendant in litigation which is pending, some of which would be sufficient grounds of excuse in a court of law. Nor can a witness refuse to produce documents in his possession on the ground that, though in his possession, they are under the control of a client who has given him instructions not to disclose them without his express authority."

Għalhekk, kif diġà għedt, il-proċedura fil-House of Commons hija differenti minn dik tal-linji gwida adottati mill-Parlament Malti fl-2011, applikabbli għall-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Filwaqt li s-sistema kif ġiet adottata u regolata minn din il-Kamra li għandha l-poteri li tirregola l-proċedura tagħha, xhud jista' jingħata d-dritt li ma jweġibx jekk ikun se jinkrimina ruħu - għalkemm irid jingħad li dan isir f'ċerti kondizzjonijiet, kif diġà msemmi - fis-sistema Ingliża din il-pozizzjoni mhijiex applikabbli.

Irid jingħad li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi la huwa tribunal u lanqas huwa qorti imma huwa kumitat li l-parametri tiegħu huma indikati b'mod ċar fl-Ordni Permanenti 120E, diġà ċċitat. Dan huwa Kumitat li jeżamina l-kontijiet ta' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament u jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus. Għalhekk dan mhuwiex Kumitat li jwassal biex jinħarġu jew jiżdiedu xi akkużi lil xi xhud li forsi diġà jkollu akkużi quddiem xi tribunal jew qorti.

Dan ifisser li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ma jistax jitqies bħala tribunal li jkun suġġett ta' dak li wieħed jistenna minn kull proċedura ġudizzjarja kif hija indikata fl-interpretazzjoni tal-artiklu 6, paragrafu (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-punt ġie dibattut diversi drabi mill-qrati tagħna u hemm lista ta' ġurisprudenza fuq dan il-punt, jiġifieri dwar jekk il-persuna li qed tixhed hix qed tagħmel dan quddiem tribunal kif definit taħt din il-Konvenzjoni jew le. Għalhekk il-każ ta' Saunders għad-dritt ta' silenzju kif deċiż ma japplikax għall-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi kif sa jintqal aktar tard.

Is-Sedja issa tiġi għal dak li qed jiġi indikat mill-konsulenti legali tas-Sur Tancred Tabone, partikolarment fl-ittra aktar dettaljata tal-15 ta' Jannar 2014, fejn intqal hekk:

> "Il-pożizzjoni tal-patroċinat tagħna hija toto caelo differenti. Is-Sur Tancred Tabone ġie akkużat b'reati potenzjalment konnessi mal-investigazzjoni li qed issir minn dan il-kumitat, u wieġeb li mhux ħati ta' dawn l-akkużi. Il-patroċinat tagħna għandu drittijiet rikonoxxuti mill-kostituzzjoni tagħna, u mill-konvenzjoni Ewropea li saret parti integrali mill-liġi tagħna permezz tal-Att XIV tal-1987, drittijiet kemm li ma jinkriminax ruħu, kif ukoll tas-silenzju.
>
> L-Onorabbli Speaker qiegħed attent li jikkwota awtoritajiet li jirreferu għal xhieda u mhux għal persuni soġġetti għal procedure kriminali. In fatti fl-ebda moment ma ġiet ċitata s-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Saunders vs The United Kingdom appl numru 19187/91 li tapplika perfettament għall-każ tal-patroċinat tagħna.
>
> Għalhekk, inkwanti r-ruling imsemmi mill-Kumitat japplika għal George Mario Farrugia u għaċ-ċirkostanzi partikolarissimi tiegħu qegħdin ġentilment nikkonfermaw li l-patroċinat tagħna ser jeżerċita d-dritt tas-silenzju tiegħu, u dan mhu bl-ebda mod in vjolazzjoni tar-ruling tal-Ispeaker."

Kif intqal tajjeb f'din l-ittra legali tax-xhud Tancred Tabone tal-15 ta' Jannar 2014, is-Sedja kienet diġà rat is-sentenza li hemm referenza għaliha, deċiża mill-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet Saunders vs The United Kingdom fis-17 ta' Diċembru 1996. Din is-sentenza tirrigwarda każ ta' persuna – li eventwalment nstabet ħatja u weħlet il-ħabs – li waqt il-ġuri tagħha kienu ġew ippreżentati dokumenti ta' traskrizzjonijiet tax-xhieda li kienet tat quddiem l-ispetturi li

kienu appuntati mid-Department of Trade and Industry. Il-persuna msemmija kienet assistita minn avukat anke waqt li kienet qed tagħti x-xhieda tagħha quddiem id-Dipartiment imsemmi. Skont il-Companies Act (UK) tal-1985, it-tweġibiet li ngħataw lill-ispetturi ta' dan id-Dipartiment setgħu jiġu ammissibbli bħala evidenza fi proċeduri kriminali anke jekk, u nikkwota:

> "... though such admittance might override the privilege against self-incrimination."

L-argument kollu kien li l-persuna indikata f'dan il-każ, deċiż mill-Qorti ta' Strasburgu, kienet ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li ma tweġibx għal domandi inkriminanti quddiem l-ispetturi tad-Department of Trade and Industry, u allura kien hemm vjolazzjoni fir-rigward ta', u nikkwota:

> "... the right of an individual not to be compelled to contribute incriminating evidence to be used in a prosecution against him."

Skont l-istess Qorti, u nikkwota:

> "Their rationale lies, *inter alia*, in the protection of the accused against improper compulsion by the authorities thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of Article 6 ... The right not to incriminate oneself, in particular, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. In this sense the right is closely linked to the presumption of innocence contained in Article 6 para. 2 of the Convention."

Fi kliem ieħor, il-kwestjoni kollha kienet dwar l-użu u l-ammissibilità ta' traskrizzjonijiet ta' tweġibiet li l-persuna involuta f'dan il-każ kienet tat lid-Department of Trade and Industry taħt l-Att tal-1985 bħala prova kontra l-istess persuna fil-ġuri tagħha, kif diġà semmejt. Għalhekk kif qalet il-Qorti, u nikkwota:

> "In sum, the evidence available to the Court supports the claim that the transcripts of the applicant's answers, whether directly self-incriminating or not, were used in the course of the proceedings in a manner which sought to incriminate the applicant."

Il-pożizzjoni tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi hija totalment differenti. Il-każ ċitat ma kienx jittratta dwar proċeduri li saru quddiem il-Public Accounts Committee. Kif diġà għamilt referenza aktar qabel, il-pożizzjoni tal-Public Accounts Committee fl-Ingilterra hija differenti wkoll minn dik tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi ta' Malta fejn ix-xhud għandu d-dritt li jagħżel li ma jirrispondix għal domanda li tista' tinkriminah u jekk membru tal-Kumitat iħoss li dik id-domanda mhijiex waħda li effettivament tista' tinkrimina lix-xhud, f'kontestazzjoni irid jintalab *ruling* mis-Sedja biex tiggwida lill-Kumitat dwar jekk dik id-domanda għandhiex tiġi mwieġba jew le.

Għaldaqstant dan il-każ huwa totalment differenti mill-każ li għandna quddiemna aħna llum. Barra minn hekk, fil-każ ta' domandi li jistgħu jinkriminawh is-Sur Tancred Tabone huwa protett għaliex jista' jagħżel li ma jirrispondihomx. L-evidenza kollha li qiegħda u li għandha tinġabar mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi huma limitati biss għal dak li huwa indikat fil-poteri taħt l-Ordni Permanenti 120E diġà ċċitat. Għalhekk is-sentenza ċċitat ta' Saunders vs The United Kingdom mhijiex applikabbli għall-każ inkwestjoni u l-proċeduri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tagħna.

Għaldaqstant, b'risposta għat-talba indikata fl-email tal-Onor. Jason Azzopardi, din is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li x-xhud Tancred Tabone għandu jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u għandu jwieġeb id-domandi li jsirulu minn kull membru ta' dan il-Kumitat, inkluż l-istess Chairman interim, u f'każ ta' domanda li tista' tinkriminah huwa għandu jitlob li jiġi eżentat milli jwieġeb dik id-domanda. U f'każ li jkun hemm oġġezzjoni minn xi membru fis-sens li jekk dik id-domanda tiġi mwieġba ma tkunx inkriminanti fil-konfront tal-istess xhud Tancred Tabone, il-Kumitat għandu allura jitlob direzzjoni mis-Sedja biex tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar jekk dik id-domanda li x-xhud ipprefera li ma jweġibx għax tista' tinkriminah, għandhiex tiġi mwieġba jew le.

**Referenzi:**


1. Email datata 31 ta’ Jannar 2014 mibgħuta mill-Onor Jason Azzopardi

2. Ittra datata 6 ta’ Diċembru 2013 indirizzata liċ-Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi mingħand l-Avukat Giannella De Marco LLD għan-nom tal-klijent tagħha s-Sur Tancred Tabone, liema ittra ġiet mibgħuta b’email lil anna.brincat@parlament.mt

3. Estratt mit-traskrizzjoni tal-laqgħa nru 8 tal-10 ta’ Diċembru 2013 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi

4. Ittra datata 15 ta’ Jannar 2014 indirizzata liċ-Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi mingħand l-Avukati Giannella De Marco u Henri Mizzi għan-nom tal-klijent tagħhom is-Sur Tancred Tabone.

5. Deċiżjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-każ ta’ Saunders vs UK appl. numru 19187/91 datat 17 ta’ Diċembru 1996

6. Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives – Parliament of Malta” – Ottubru 2011

7. Estratt mill-Erskine May Parliamentary Practise (24th Edition) paġna 823

8. Deċiżjoni mill-Ispeaker l-Onor Anġlu Farrugia mogħtija fl-10 ta’ Diċembru 2013